**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 67**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 30 ta' Mejju 2017 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

67.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Andrew Mallia u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

67.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Stephen Borg u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**67.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 66**

67.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 66 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 66

**67.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

66.3.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mis-Sindku x'tiġi diskussa.

Komunikazzjoni mis-Sindku

**67.4 Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għazla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' *Handyman* – RLC/T/0159/17**

67.4.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 1/2016 - Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*), is-Sindku ppropona li l-*Opening Staff* tal-offerta RLC/T/0159/17 għall-għazla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' *Handyman*, ikun kompost kif ġej:

*PO/OS* - Is-Sra Fabienne Vassallo
*PO/OS* - Is-Sra Victoria Privitera

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għazla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' *Handyman* – RLC/T/0159/17

**67.5 Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għazla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' *Handyman* – RLC/T/0159/17**

67.5.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 1/2016 – Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*), is-Sindku ppropona li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-offerta RLC/T/0159/17 għall-għazla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' Handyman, ikun kompost kif ġej:

Ċerpersin *PO/ESR* – Is-Sna Orietta Cardona
Membru *PO/ES* – Is-Sindku Charles Azzopardi
Membru *PO/ES* – Is-Sur Andrew Mallia
Membru *PO/ES* – Is-Sna Janice Dingli
Segretarju *PO/ES* - Is-Sra Roberta Galea

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għazla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' *Handyman* – RLC/T/0159/17

**67.6 Ħruġ tal-offerta għall-provvediment ta' servizz ta' *accountant***

67.6.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-offerta, kien hemm qbil unanimu li ma ssir l-ebda emenda għad-dokument kif ippreżentat.
Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għal servizz ta' *Accountant*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ tal-offerta għall-provvediment ta' servizz ta' *accountant*

**67.7 Ħruġ tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' *culverts***

67.7.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-offerta, kien hemm qbil unanimu li ma ssir l-ebda emenda għad-dokument kif ippreżentat.

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għat-tindif u manutenzjoni ta' *culverts*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Peter Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' *culverts*

**67.8 Tiġdid tal-offerta għall-Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Rabat) – RLC/T/146/15**

67.8.1 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/146/15 għall-qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Rabat) u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Tiġdid tal-offerta għall-Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Rabat) – RLC/T/146/15

**67.9 Tiġdid tal-offerta għall-Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Baħrija) – RLC/T/145/15**

67.9.1 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/145/15 għall-qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Baħrija). Il-Kunsillier Paul Grech ippropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Tiġdid tal-offerta għall-Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Baħrija) – RLC/T/145/15

**67.10 Żviluppi dwar Triq San Bastjan**

67.10.1 Is-Sindku ressaq ir-rakkomandazzjoni tal-perit tal-Kunsill dwar il-wisgħa tal-bankini fi Triq San Bastjan. Kien hemm qbil unanimu li sabiex jingħata aċċess għall-persuni b'diżabiltà; naħa waħda tal-bankini f'din it-triq titwessa' għal 1.20m.

Żviluppi dwar Triq San Bastjan

**67.11 Jum Ir-Rabat u Ġieh Ir-Rabat**

67.11.1 Is-Sindku informa l-laqgħa li bħal kull sena Jum ir-Rabat ser jiġi ċċelebrat fit-2 ta' Settembru. Ġie deċiż li Jum ir-Rabat jiġi ċċelebrat b'serata f'Misraħ Santu Wistin fis-7.30 ta' filgħaxija u wara jsir riċeviment għall-mistednin preżenti.

Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera preżenti dwar l-unur u r-rikonoxximenti mgħotija f'Jum ir-Rabat.

Jum Ir-Rabat u Ġieh Ir-Rabat

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li Ġieħ Ir-Rabat għandu jingħata lis-Sur Joe Genovese għat-talent artistiku fil-qasam tal-iskultura, fejn permezz tal-arti u l-esebizzjonijiet tiegħu għamel unur lil pajjiżna barra minn Malta. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jingħata rikonoxximent lis-Sur Christopher Calleja għat-talent artistiku tiegħu bħala presepista, fejn għal bosta snin ħadem, bena u esebixxa b'talent kbir presepju kull sena għal żmien il-Milied bil-pasturi maħduma minnhu stess fuq stil Naplitan. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jingħata rikonoxximent lis-Sur Christian Azzopardi għall-impenn kostanti tiegħu fi rwol ta' ambaxxattur taż-żgħażaġħ fil-Kunsill Lokali tar-Rabat. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li jingħata rikonoxximent lis-Sur Shawn Carl Agius bħala artist ġdid fil-qasam tal-arti u kultura u għall-kontribut tiegħu filantropiku. Issekonda l-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**67.12 Proposta mir-Reġjun Tramuntana sabiex jitwaqqaf *Call Centre***

67.12.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-proposta sabiex jitwaqqaf *Call Centre* għal-lokalitajiet imsieħba fir-Reġjun Tramuntana, fuq proposta tal-Kunsillier Peter Paul Azzopardi, issekondata mis-Sindku Charles Azzopardi kien hemm qbil unanimu li din il-proposta ma tiġix aċċettata.

Proposta mir-Reġjun Tramuntana sabiex jiġi ffurmat *Call Centre*

**67.13 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru 31, 32, 33**

67.13.1 Il-Kunsillier Nazju Cassar ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù 31, 32 u 33 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru 31, 32, 33

**67.14 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

67.14.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 269 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech u l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija skeda tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 269

**67.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

67.15.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 27 ta'

Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li

Ġunju 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.



67.15.2 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ............................. ........... ta'.......................... 2017

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**